# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## MAGISTRAT

## DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 16 ta' Jannar 2002**

**Avviz. numru 321R/01**

**Numru 24**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 548/2001 fl-ismijiet:**

**Mario Schembri**

**vs**

**Adrian Bonnet (ID Card no 130173M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih Adrian Bonnet, wara li ppremetta illi dan il-sekwestru inhareg kontra Adrian Bonnet fuq l-iskorta ta' sentenza fl-ismijiet Mario Schembri vs Adrian Bonnet deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Novembru 2000 (ghal liema kawza huwa ma kienx gie notifikat hlief permezz tal-gazzetta tal-Gvern).

Illi hu kunjomu Bonett u mhux Bonnet u ghalhekk dan il-mandat ma ghandhux jolqot il-kontjiet bankarji tieghu kif effettivament gara billi l-

karta tal-identita indikata hija fil-fatt tieghu, billi ma jikkostitwixxi ebda stat legali fil-konfont tieghu.

Talab bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tirrevoka u thassar dan il-mandat ai termini tal-Artiklu 283A tal-Kodici tal-Procedura taht dawk il-provvedimenti li jidhriha opportuni.

Rat id-digrieti Taghha precedenti moghtija fit-23 ta' Frar 2001 u fl-17 ta' April 2001 (fol 3 u fol  4 tal-istess atti).

Rat ir-risposta tal-istess Mario Schembri (fol 10 ibid) li biha espona illi preliminarjament, qed jigi rilevat illi n-notifika saret b'mod regolari ghall-ahhar, u saret bil-procedura tal-publikazzjoni kif tirrikjedi l-Ligi, wara li saru diversi tentattivi mill-esponenti sabiex ir-rikorrent jigi noitifkat f'diversi indirizzi, u dan minghajr ezitu posittiv.

Illi ghandu jigi rilevat, illi dak li qed isostni l-intimat fir-rikors tieghu seta' facilment jissolevah *in via di eccezzione*, u mhux f'dan l-istadju kif qed jipprova jaghmel: illi inoltre, l-istess intimat la utilizza r-rimedju tal-appell u lanqas utilizza r-rimedju tar-ritrattazzjoni.  Dan tal-ahhar huwa certament ir-rimedju li kien ikun l-izjed indikat li kieku l-intimat hassu verament aggravat bil-procedura li permezz taghha gie meqjus bhala notifikat.

Illi fir-rigward tal-isem tal-intimat, gie rilevat illi kunjom ir-rikorrent huwa Bonett u mhux Bonnet kif riprodott fis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u l-mandat odjern: illi fir-rigward tad-differenza li qed tigi sollevata, qed jigi umilment sottomess illi dan ma ghandux jikkostitwixxi raguni valida sabiex dan il-mandat jigi mhassar u revokat.

Dan in vista tal-fatt illi l-kunjom Bonett, jezisti fi tlett varjazzjonijiet: fil-mod li qed jallega r-rikorrent u cioe' Bonett, Bonnet kif riprodott fl-avviz u s-sentenza, u Bonnett. Ghalkemm wiehed japprezza li hemm distinzjoni bejn it-tliet ismijiet, dan bl-ebda mod ma jinfluwixxi la fuq is-sostanza u l-mertu tat-talba tal-esponenti kif kanonizzata permezz tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti, u lanqas johloq l-ebda dubju dwar l-identita' tal-intimat jew jekk huwiex fil-fatt il-legittimu kontradittur.

Ghaldaqstant, fil-fehma umli tal-esponenti, ir-rikors tal-intimat jimmerita illi jigi michud minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjes.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti u rat id-dokumenti esebiti minnu.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, l-artikolu 283A, citat fir-rikors in desamina, jghid illi l-persuna, kontra minn jkun inhareg mandat esekuttiv jista' jitlob li l-istess att jithassar anke "in parte", <u>ghal raguni valida fil- Ligi</u>.

Illi r-rikorrenti jikkontendi li l-att esekuttiv in esami ghandu jigi mhassar billi kunjomu hu <u>Bonett</u> u mhux Bonnet, kif specifikat fl-okkju tas-sentenza citata fl-istess rikors u tal-istess mandat in esami.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in sostenn tal-fatti in desamina, xehed l-istess <u>rikorrenti</u> (fol 20 u 21 tal-atti) li esebixxa, ukoll, fotokopja tal-karta tal-identita' tieghu numru 130173(M), tal-licenzja tas-sewqan tieghu u ta' skrittura maghmula bejn l-istess partijiet involuti (fol 22 sa 25 ibid). Minn dawn id-dokumenti jidher li kunjom ir-rikorrenti hu filfatt "<u>BONETT</u>" <u>u mhux BONNET</u> u effettivament ghandu karta tal-identita bin-numru 130173(M). L-sitess rikorrenti accenna, ukoll, ghal fejn effettivament kien u qed jirrisjedi.

<u>Ikkusidrat</u>

Illi gew konsiderati l-artikoli 375 seq u 849 seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u rat li f'mandat bhal dak in esami ghandu jkun hemm imnizzel isem u kunjom id-debitur oltre dawk ta' missieru jew partikolarijiet ohra, kif hemm specifikati fil-kaz in esami billi tnizzlu isem u kunjom tar-rikorrenti u n-numru korrett tal-karta tal-identita tieghu.

Ikkunsidrat

Illi bejn il-kunjom attwali tar-rikorrenti u dak kif specifikat fis-sentenza citata fir-rikors u fil-mandat in esami, hemm varjazzjoni minima hafna ("Bonnet" u "Bonett") u ma hiex ta' tali grad li tista' ggib ir-revoka ta' dan il-mandat, li hu validu ghal kull fini u effett fil-ligi, wara li jinghad ukoll li din il-procedura ma hiex idonea sabiex tigi impunjata s-sentenza imsemmija u li ma hemm ebda dubbju dwar l-istess identita tal-intimat u l-konvenut fl-istess sentenza.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti .

Alan Calleja
Deputat Registratur